**QORTI TA` L-APPELL KRIMINALI**
**(SEDE SUPERJURI)**

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI LL.D**

**ONOR. IMĦALLEF EDWINA GRIMA LL.D**

**ONOR.IMĦALLEF GIOVANNI M GRIXTI LL.D**

**Illum l-Erbgħa 16 ta' Frar 2022**

**Att ta' Akkuża Nru. 11/2018**

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**vs**
**Christopher Polidano**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-akkużat Christopher Polidano detentur tal-karta ta'l-identita' numru 269679M:

**Fl-Ewwel Kap** talli reċediv f'delitt assoċja ruħu ma' persuni oħra f'Malta u ma' persuni oħra barra minn Malta sabiex jimporta, ibiegħ jew jittraffika

mediċina u droga oħra f' Malta bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, jew ippromwova, ikkostitwixxa, organiżża jew iffinanzja din l-assoċjazzjoni.

**Fit-Tieni Kap**, talli reċediv f'delitt, m'obdiex l-ordnijiet leġittimi ta'l-awtorita' jew ta' wieħed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma jħallihx jew ifixxklu waqt li jkun jagħmel id-dmirijiet tiegħu, jew b'xi mod ieħor, bla jedd, jindaħal fi dmiru, billi ma jħallix lil ħaddieħor jagħmel dak li b'liġi jkun ordnat jew jista' jagħmel, jew billi jġib fix-xejn jew iħassar dak li ħaddieħor ikun għamel skond il-liġi, jew b'xi mod ieħor li jkun.

**Fit-Tielet Kap**, talli saq vettura jew vettura bil-mutur b'nuqqas ta' kont, bi traskuraġini, jew b'mod perikoluż.

**Fir-Raba' Kap**, talli volontarjament ħassar, għamel ħsara, jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli b'dan li l-ammont tal-ħsara ma jiskorriex il-mitejn u ħamsin Euro (€250).

**Fil-Ħames Kap**, talli volontarjament ħassar, għamel ħsara, jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli b'dan li l-ammont tal-ħsara ma jiskorriex l-elfejn u ħames mitt ewro (€2500), iżda huwa iżjed minn mitejn u ħamsin Euro (€250).

**Fis-Sitt Kap**, talli volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor mobbli jew immobbli b'dan li l-ammont tal-ħsara ma jiskorriex il-mitejn u ħamsin Euro (€250).

Rat n-nota ta'l-eċċezzjonijiet ippreżentata mill-akkużat fis-17 ta' Diċembru 2018 fejn eċċepixxa:

**i.** l-irregolarita' tal-atti tal-kumpilazzjoni flimkien ma' dokumenti oħra eżebiti billi dawn mhumiex kollha iffirmati mill-Maġistrat li kkonduċa l-kumpilazzjoni.

**ii**. in-nullita' ta'l-Att t'Akkuża stante illi f'diversi bnadi tal-parti narrattiva tad-diversi kapi jiġu attribwiti lill-akkużat fatti li ma jirriżultawx mill-atti proċesswali, iżda huma biss frott ta' konġetturi.

**iii**. in-nullita' tal-Att t'Akkuża stante l-funzjonijiet u l-manzjonijiet diversi tal-Avukat Ġenerali li fil-kumpilazzjoni huwa l-persuna li jitlob il-provi li jitressqu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati filwaqt li fil-ġuri l-istess Avukat

Ġenerali huwa l-Prosekutur Pubbliku illi jkun qiegħed jitlob il-ħtija tal-istess akkużat illi tiegħu l-istess Avukat Ġenerali jkun talab illi jitressqu l-provi.

**iv**. l-isfilz tal-istqarrija rilaxxata mill-akkużat u kwalunkwe referenza għaliha matul il-proċess stante li din ma itteħditx b'mod regolari billi ma kellux id-dritt jkollu l-presenza tal-avukat tal-fiduċja tiegħu waqt l-interrogatorju.

**v.** l-isfilz tal-istqarrija rilaxxata minn Racheal Fred u anke l-istqarrija ġuramentata tagħha quddiem il-Maġistrat Inkwirenti u kwalunkwe referenza għalihom matul il-proċess stante li dawn ma ittieħdux b'mod regolari billi ma kellhiex id-dritt jkollha l-presenza tal-avukat tal-fiduċja tagħha waqt l-interrogatorju.

**vi.** l-isfilz tal-istqarrija rilaxxata minn Racheal Fred u anke l-istqarrija ġuramentata tagħha quddiem il-Maġistrat Inkwirenti u kwalunkwe referenza għalihom matul il-proċess stante illi l-akkużat f'ebda mument tal-proċeduri kriminali ma kellu l-opportunita' illi jagħmel kontro-eżami ta' dak li qalet waqt tali stqarrija stante li qatt ma nġiebet tixhed matul il-kumpilazzjoni fil-konfront tal-esponenti.

**vii**. in-nullita' tal-att t'akkuża jew kwalunkwe referenza għall-kunsinna kkontrollata tiġi sfilzata stante illi l-kunsinna kkontrollata saret b'mod illegali u ma tissodisfax il-kriterji ta' kunsinna kkontrollata iżda kienet tinvolvi elementi ta' *Agent Provocateur* jew *entrapment*.

**viii**. l-isfilz tar-relazzjoni u tax-xiehda tal-espert Dr. Mario Scerri fejn ikkonstata u eżamina lill-akkużat stante illi ma ġiex speċifikat il-għala u x'kienet ir-raġuni tan-nomina tiegħu.

**ix**. l-isfilz tar-relazzjoni u tax-xiehda tal-espert Dr. Martin Bajjada stante illi ma ġiex speċifikat il-għala u x'kienet ir-raġuni tan-nomina tiegħu.

**x**. l-isfilz tar-relazzjoni, tax-xiehda u l-presentazzjoni ta' kwalunkwe dokument senjatament ir-relazzjoni teknika tal-espert Perit Valerio Schembri stante illi ma ġiex speċifikat il-għala u x'kienet ir-raġuni tan-nomina tiegħu.

Rat illi l-eċċezzjonijiet appena riprodotti għadhom *sub-judice* quddiem il-Qorti Kriminali;

Rat it-talba magħmula mill-appellant quddiem il-Qorti Kriminali permezz ta' rikors ippreżentat fil-11 ta' Mejju 2021 li permezz tiegħu talab l-awtoriżazzjoni tal-Qorti sabiex iressaq eċċezzjoni ulterjuri dwar l-inammissibilita' tal-prova magħmula permezz tal-istqarrija ġuramentata u ta' kwalunkwe dikjarazzjoni fl-istadju tal-investigazzjoni mogħtija minn Racheal Fred f'dawn il-proċeduri u konsegwentment l-isfilz mill-atti proċesswali ta'l-istess stqarrija u kif ukoll ta' kwalsiasi referenza għaliha fl-atti proċesswali stante illi din ix-xhud hija llum maħruba mill-pajjiż u għalhekk huwa la qatt seta' u mhuwiex ser ikun jista' jagħmel kontro-eżami tagħha.

Rat ir-risposta ta'l-Avukat Ġenerali għal dan ir-rikors datata 19 ta' Mejju 2021 fejn oġġezzjona għat-talba tal-akkużat Polidano.

Rat id-digriet mogħti mill-Qorti Kriminali tad-29 ta' Lulju 2021 fejn it-talba tal-akkużat Polidano sabiex jippreżenta eċċezzjoni oħra, fis-sens illi d-dikjarazzjoni ta' Racheal Fred u kull referenza għal din id-dikjarazzjoni jiġu dikjarati inammissibbli, ġiet miċħuda.

Rat ir-rikors tal-appell tal-akkużat Christopher Polidano fejn talab lil din il-Qorti tħassar u tirrevoka d-digriet appellat fejn il-Qorti Kriminali iddikjarat li qegħda tiċħad it-talba tad-difiża sabiex tiġi ppreżentata eċċezzjoni ulterjuri sabiex id-dikjarazzjoni ta' Racheal Fred u kull referenza għal din id-dikjarazzjoni jiġu ddikjarati inammissibbli, u minflok tilqa' l-istess talba u dan billi tawtorizża lill-appellant jissolleva tali eċċeżżjoni ulterjuri, u dan ai termini tal-liġi.

Rat ir-risposta ta'l-Avukat Ġenerali ppreżentata fil-31 ta' Awwissu 2021 fejn talab li l-appell jiġi miċħud u id-digriet appellat ikkonfermat.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semgħet is-sottomissjonijiet orali tal-partijiet

**Ikkunsidrat,**

**1.** Il-kwistjoni dwar l-valur probatorju jew l-ammissibbilita' ta' prova determinanti fil-proċess ġudizzjarju għandu jkun mqanqal mill-akkużat fit-terminu lilu konċess fl-artikolu 438(2)(i) tal-Kodiċi Kriminali u ċioe' mhux aktar tard minn ħmistax-il jum tax-xogħol minn meta tkun lilu notifikata l-Att ta'l-Akkuża, terminu perentorju li mhux prorogabbli. Illi qabel ma l-akkużat iressaq eċċezzjoni 'ġdida' wara it-terminu lilu konċess fl-artikolu 438(2) tal-Kodiċi Kriminali huwa jrid jagħmel talba lil qorti għaldaqstant. Illi allura huwa biss bl-awtoriżżazzjoni mogħtija lilu mill-Qorti Kriminali illi l-akkużat jista' iressaq eċċezzjoni li ma tkunx ġiet sollevata qabel. Dan il-*proviso* jipprovdi testwalment hekk;

**Iżda l-qorti tista' tawtorizza li jingħataw dawk l-eċċezzjonijiet <u>għal raġuni li tkun inqalgħet wara z-żmien</u> li fih in-nota msemmija fl-artikolu 438(2) għandha tiġi ippreżentata fir-reġistru tal-qorti. 1**

Illi fl-eventwalita' imbagħad li l-Qorti Kriminali tilqa' din it-talba, l-eċċezzjoni għandha tkun mressqa b' nota li permezz tagħha titqanqal l-imsemmija eċċezzjoni b'mod formali, bil-Qorti tipprosegwi sabiex tagħti sentenza, u mhux digriet, fuq l-eċċezzjoni hekk sollevata. Issa minn qari tad-digriet mogħti mill-Qorti Kriminali fil-każ in disamina jidher illi t-talba magħmula mill-appellant sabiex iressaq eċċezzjoni 'ġdida' kienet miċħuda. Dan sar, madanakollu, mhux fit-termini ta' dak li jiddisponi l-*proviso* ghall-artikolu 449 hawn fuq iċċitat , iżda sar billi l-Qorti Kriminali għaddiet biex tiddetermina

fil-mertu l-eċċezzjoni nnifisha li kien bi ħsiebu jissolleva l-appellant , qabel ma fil-fatt dik l-eċċezzjoni tressqet b'mod formali. L-unika indaġini li kellha tagħmel il-Qorti Kriminali f'dan l-istadju, kellha tkun illi tqies jekk l-eċċezzjoni li xtaq iressaq 'il quddiem l-akkużat (appellant f'dawn il-proċeduri) kenitx inqalgħet wara ż-żmien mogħti lilu sabiex iressaq l-eċċezzjonijiet preliminari fl-artikolu 438(2) tal-Kodiċi Kriminali, li kienet proprjament il-kwistjoni riferita lilha għad-deċiżjoni. Għalhekk l-Ewwel Qorti ma kellha qatt għalfejn torjenta r-riċerka tagħha kollha, kif hekk jidher li għamlet, lejn l-eventwalita' jekk l-eċċezzjoni fil-mertu kellhiex tkun akkolta jew miċħuda.

**2.** Issa minn eżami tal-atti jirriżulta illi l-appellant kien diġa' qanqal eċċezzjoni rigward l-ammissibbilita' o meno tal-prova li bi ħsiebha tressaq il-Prosekuzzjoni permezz tal-istqarrija ġuramentata tax-xhud Racheal Fred (eċċezzjoni numru 6). Dan għaliex jinsisti illi huwa ma ingħatax jedd jeżerċita kontroll fuq dak dikjarat minn din ix-xhud fl-istqarrija guramentata tagħha, iktar u iktar għaliex din Fred għażlet li ma tixhidx fi stadju kumpilatorju billi il-proċeduri kriminali istitwiti fil-konfront tagħha kienu għadhom pendenti u allura ma setghatx tkun mġiegħla tagħti x-xiehda tagħha. Għalkemm dik l-eċċezzjoni għad trid tkun deciza mill-Qorti Kriminali, jidher madanakollu li minn dak in-nhar li ingħatat din l-eċċezzjoni, ix-xhud, u ċioe' Racheal Fred, abskondiet minn Malta u jidher illi għalkemm inħareg Mandat t' Arrest Ewropew u Mandat t' Arrest Internazzjonali fil-konfront tagħha, din għadha sal-lum mhix rintraċċata[1]. Kien in segwitu għal dan l-iżvilupp ġdid illi l-appellant ressaq talba biex iqanqal eċċezzjoni 'ġdida' dwar l-inammissibilita' bħala prova tal-istqarrija ta' Racheal Fred, u dik ġuramentata wkoll, imsejjes fuq il-fatt illi din ix-xhud illum hija maħruba minn Malta u jekk ma tinstabx hija ma tistax tinġieb biex tixhed *viva voce* fil-Qorti biex b'hekk, skond kif qed

[1] Ara verbal tal-Qorti Kriminalil tal-15 ta' Frar 2021 a fol.185

jallega l-appellant, ser ikun prekluż milli jeżerċita kontroll fuq il-prova magħmula mill-Prosekuzzjoni permezz tal-istqarrija ġuramentata ta' Fred meħuda bis-saħħa ta' dak dispost fl-artikolu 30A tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

**3.** Illi fil-fehma ta' din il-Qorti allura, dik tal-ewwel grad kellha, sa dak il-punt, tiddeċiedi permezz ta' digriet, jekk tilqax jew le t-talba tal-akkużat biex iressaq eċċezzjoni ulterjuri, u dan kif postulata fir-rikors tiegħu tal-11 ta' Mejju 2021 bażat fuq il-premessa illi ma setgħax iressaq l-eċċezzjoni li xtaq iressaq fiż-żmien mogħti lilu sabiex iressaq l-eċċezzjonijiet preliminari fl-artikolu 438(2) tal-Kodiċi Kriminali, u fil-kaz li tilqa' t-talba, l-Ewwel Qorti kellha imbagħad tistenna li tkun formalment ppreżentata dik l-eccezzjoni sabiex minn hemm tipprosegwi bis-smigħ tagħha u tiddeterminaha permezz ta' sentenza.

**4.** L-Ewwel Qorti, madanakollu, minflok ma akkordat jew caħdet it-talba tal-appellant kif ravviżat fil-paragrafu *supra,* għażlet li tiċħadha billi erronjament għaddiet biex tiddetermina il-mertu tal-eċċezzjoni nnifisha daqs li kieku kienet ingħatat formalment u mingħajr ma awtoriżżat illi din l-eċċezzjoni titressaq b'mod formali biex b'hekk finalment ddeċidiet din il-kwistjoni permezz ta' digriet u mhux sentenza. Illi l-artikolu 415 tal-Kodiċi Kriminali jagħmel din id-distinzjoni bejn digriet u sentenza tal-qorti meta jitkellem dwar appell minn digriet interlokutorju u dak minn sentenza definittiva. Issa, eċċezzjonijiet ta' natura bħal dawk ravviżati fl-Artikolu 449 għandhom ikunu deċiżi permezz ta' sentenza u mhux permezz ta' digriet. Dan ifisser illi d-digriet appellat mogħti mill-Qorti Kriminali huwa null billi huwa tali li fih kienet fl-ewwel lok determinata kwistjoni mhux sollevata formalment quddiemha kif trid il-liġi, u *di piu'* ġiet deċiża eċċezzjoni ndikata fl-artikolu 449 tal-Kodiċi Kriminali permezz ta' digriet u mhux sentenza. Dan ifisser illi din il-Qorti m'għandiex triq oħra ħlief li tannulla tali deċizjoni billi hija proċeduralment irritwali, u

sabiex tkun l-Ewwel Qorti li teżerċita d-diskrezzjoni li l-liġi proprjament u oriġinarjament fdat lilha, l-atti ser ikunu rinvijati lill-istess Qorti għad-deċiżjoni mill-ġdid tal-kwistjoni imressqa quddiemha fid-dawl tal-fuq espost.

**5** Illi magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti mhijiex ser tinoltra ruħha biex tiddetermina l-aggravji l-oħra sollevati mill-appellant marbuta mal-mertu tal-kwistjoni minnu imqanqla u dan għaliex tkun qed tesprimi ruħha dwar deċizjoni li għandha tittieħed mill-Qorti Kriminali skont il-liġi u li tista' fil-futur tkun soġġetta għal reviżjoni quddiem din il-Qorti. Jingħad biss illi l-Qorti għandha riżervi dwar jekk l-appellant kellux għalfejn jitlob biex titressaq eċċezzjoni 'ġdida' billi huwa kien diġa' ssolleva dan l-ilment permezz tas-sitt eċċezzjoni minnu imressqa li, kif indikat *supra* għadhom *sub-judice* quddiem il-Qorti Kriminali

**Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiddikjara id-digriet mogħti mill-Qorti Kriminali tad-29 ta' Lulju 2021 bħala irritu u null. Tibgħat l-atti lura lil Qorti Kriminali sabiex ir-rikors ippreżentat mill-appellant tal-11 ta' Mejju 2021 jiġi determinat skont il-liġi.**

**S.T.O. Prim Imħallef Mark Chetcuti**

**Onor. Imħallef Edwina Grima**

**Onor. Imħallef Giovanni Grixti**